MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 52/2001/1

**Rose Zammit.**

**vs.**

**Alfred Zammit.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni a fol. 1 tal-process datata 12 ta’ Jannar 2001 li bih l-attrici, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ippremettiet:-

Illi l-kontendenti izzewgu fl-10 ta’ April 1974, fil-Katedral ta’ Westminster, Londra, l-Ingilterra;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irremedjabbilment;

Illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal miz-zwieg taghhom jisimhom Giselle ta' sittax-il sena, li twieldet fit-18 ta' April 1984 u Ruben, ta' tnax-il sena, li twieled fid-19 ta' Mejju 1988;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, sabiex tkun tista' tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, liema digriet igib id-data tat-18 ta' Ottubru 2000, digriet numru (1880/00), li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. "A";

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet msemmija:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut fid-dar matrimonjali, *a tenur* ta' l-**artikoli 46 u 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Takkorda l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri lill-attrici;

4. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici retta alimentari ghall-minuri, skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabbilixxi;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, okkorendo b'opera ta' periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut;

7. Tordna fejn hu applikabbli l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** kontra l-konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili a fol. 6 tal-process markat Dok. "A".

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2001 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi sabiex tigbor il-provi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 15 tal-process ipprezentata fit-12 ta' Ottubru 2001 fejn il-konvenut eccepixxa:-

(1) Illi huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli u li z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment, izda dan sehh minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici u mhux lill-eccipjenti kif fil-fatt ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Illi l-eccipjenti jidhirlu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza lilu jghix fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni ta' martu;

(3) Illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri ghandha tigi akkordata lill-eccipjenti;

(4) Illi l-attrici ghandha tigi kkundannata thallas lill-eccipjenti retta alimentari ghall-minuri, skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabbilixxi;

(5) Illi l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali b'dan illi wahda minn dawn il-porzjonijiet tigi assenjata lill-attrici u l-ohra lill-eccipjenti;

(6) Illi l-effetti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet** m’ghandhomx jigu applikati esklussivament kontra l-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 11 ta’ Lulju 2001 a fol. 18 tal-process fejn talab li jigi stabbilit kemm mis-sittin lira Maltija (Lm60) manteniment huwa pagabbli ghall-minuri u kemm ghall-attrici.

Rat ir-rikorsi ta’ l-attrici datati 6 ta’ Novembru 2001 u 25 ta’ Jannar 2002, rispettivament a fol. 23 u a fol. 26 tal-process sabiex l-intimat jigi allontanat mid-dar konjugali minhabba allegazzjonijiet ta’ vjolenza.
Rat in-nota tal-konvenut datata 1 ta’ Marzu 2002 a fol. 28 tal-process fejn informa lill-Qorti li qed jigi patrocinat minn Dr. Emmy Bezzina.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 25 ta’ Jannar 2002 a fol. 31 tal-process fejn talbet li l-istess konvenut jigi allontanat mid-dar konjugali, b’dan li jigi ndikat li r-rikorsi kollha fuq indikati saru quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 4 ta’ Gunju 2001 u d-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 6 ta’ Lulju 2001.

Rat id-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 28 ta’ Jannar 2002 fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti b’dan li ordnat lill-kontendenti sabiex bl-ebda mod ma jkunu aggressivi lejn xulxin u lejn uliedhom taht is-sanzjonijiet ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti u l-intimat ghandu jara li bl-ebda mod ma jikkawza hsara fl-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u d-dar matrimonjali.

Rat l-avviz tal-25 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament prezentament presjeduta.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet a fol. 62 tal-process fejn ghamlu talba konguntiva ghad-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.

Rat id-digrieti tat-30 ta' April 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat id-Digriet taghha datat 16 ta' Mejju 2002 fejn wara nota spjegativa tal-partijiet datata 6 ta' Mejju 2002 l-Qorti laqghet it-talba u ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data tas-16 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2002; ta' l-14 ta' Gunju 2002; tad-19 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet kancellata a spejjez attrici.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 22 ta' Novembru 2002 fejn talbet ir-riappuntament tal-kawza u ipprezentat kontestwalment, affidavit ulterjuri taghha datat 22 ta' Novembru 2002;

Rat id-digriet tal-25 ta' Novembru 2002 fejn gew milqugha t-talbiet attrici u l-kawza giet riappuntata ghall-25 ta' Novembru 2002;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 10 ta' Jannar 2003 fejn ghamel referenza ghall-kawza ghall-annullament quddiem din Qorti fl-ismijiet **"Alfred Zammit vs Rosaria Maria Zammit"** (Cit. Nru.1212/01 RCP) fejn iz-zwieg tal-kontendenti kien gie annullat, u abbazi ta' dan talab lil din il-Qorti sabiex l-attrici tirtira numru ta' talbiet fil-kawza *stante* li ma kienx ghad hemm bazi legali ghalihom.

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 5 ta' Frar 2003.

Rat id-digriet datat 28 ta' Frar 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Peter Fenech jirrileva li kulma baqa’ jigi deciz huma l-kura u l-kustodja, access manteniment tal-minuri biss u spejjez ta’ edukazzjoni ta’ l-istess minuri;

Rat in-nota tal-konvenut datata 27 ta’ Frar 2003 fejn il-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu datat 20 ta’ Frar 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn id-difensur ta’ l-attrici, ghall-attrici, talab li jipprezenta affidavit responsiv u l-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota guramentata ta’ l-attrici datata 24 ta’ Marzu 2003

Rat id-dokumenti pprezentati mill-attrici mmarkati bhala Dok. “RZa1 – RZa5” a fol 199 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ April 2003 fejn Dr. Peter Fenech irrileva li l-access tal-minuri huwa wiehed liberu u qed jigi fil-fatt ezercitat; il-konvenut issottometta li l-minuri ghandu jmur ghandu darba fil-gimgha u qed jippretendi li jkollu jumejn jew tlieta; il-manteniment prezenti tal-minuri huwa ta’ tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar u l-attrici tippretendi li dan ghandu jizdied ghal hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar *oltre* 50% ta’ l-ispejjez edukattivi li huma in total sitt mitt lira Maltija (Lm600) fis-sena komplessivament. Il-konvenut qed joffri tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar. Dwar komunjoni l-partijiet qablu li l-istess gja tinsab maqsuma; iz-zwieg bejn il-kontendenti jinsab annullat u l-konvenut issottemetta li ma jhallas xejn ghall-ispejjez edukattivi skond id-digriet tas-Sekond’Awla peress li l-kontijiet qatt ma gew sottomessi. Gie prezentat rendikont ta’ l-istess spejjez seduta *stante* mill-attrici u l-konvenut kellu jirregola ruhu dwar l-istess spejjez ta' edukazzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut ta’ l-1 ta’ Mejju 2003;

Rat in-nota tal-konvenut datata 6 ta’ Mejju 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2003 fejn *inter alia* l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-Qorti fl-ewwel lok tinnota u tirrileva li sostanzjali mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet gew ezawriti *in vista* tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Zammit vs Rose Zammit"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru 1212/2001/RCP) fejn iz-zwieg bejn il-kontendenti gie ddikjarat null u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1), it-tieni (2), u s-seba' (7) talba attrici *stante* li dawn jitrattaw fuq il-firda personali u l-effetti ta' l-istess, li ovvjament gew sorvolati llum.

Illi jinghad ukoll li dwar is-sitt (6) talba hemm dikjarazzjoni mill-partijiet rispettivi li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti, jew ahjar dak li l-istess partijiet kienu jippossedu bejniethom, illum gie maqsum u diviz, u dan anke konsegwenti ghad-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Mejju 2002 fejn fuq talba tal-partijet datata 26 ta' April 2002 giet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mis-16 ta' Mejju 2002. Dan jaffettwa l-hames (5) talba *stante* li ovvjament jidher li din gja giet determinata u jonqos biss li formalment tigi kkonfermata b'din is-sentenza, kif il-Qorti sejra taghmel fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

Illi b'hekk l-unika pendenzi li jidher li baqa' bejn il-partijiet, u hawn jidher li l-istess partijiet qed almenu jaqblu fuq dan jikkonsistu fil-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri Reuben, il-manteniment ghall-istess tifel u l-arretrati dovuti senjament fuq l-ispejjez edukattivi kif ordnati bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta' Ottubru 2000 li sa llum jidher li ghadu vigenti. Ghalhekk il-kunsiderazjonijiet ta' din il-Qorti ser ikunu limitati ghal

dawn il-tliet kawzali *in vista* li t-talbiet l-ohra llum gew ezawriti.

**(i) <u>KURA U KUSTODJA.</u>**

Illi l-Qorti ghandha tiddeciedi dan il-punt fl-interess biss suprem tal-minuri, u din il-Qorti wara li rat il-provi kollha sottomessi thoss li huwa fl-interess suprem ta’ l-istess minuri li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri tibqa’ u tkompli tigi fdata f’idejn l-istess attrici anke peress li jidher li l-konvenut f’dan il-kaz huwa propens ghall-vjolenza, kif ix-xhieda tal-attrici u d-dokumenti minnha esebiti jippruvaw; dawn il-kazi ma jidhrux li kienu limitati ghal xi att uniku u izolat; f’dan ir-rigward il-Qorti tinnota li l-konvenut fix-xhieda tieghu qatt ma cahad ir-responsabbilita` ghall-akkadut izda dejjem sostna in difiza tieghu li huwa kien ikun ipprovokat mill-attrici. Ma’ hemm l-ebda dubju li hemm tenzjoni u pika kbira bejn il-partjiet, pero’ din qatt ma tiggustifika li persuna tuza vjolenza fizika fuq il-persuna jew fuq proprjeta’ ta’ l-istess persuna, u dan anke tenut kont ta’ l-influwenza negattiva li din definittivament thalli fuq il-minuri.

Illi ghalhekk anke jekk tigi kkunsidrata t-tezi tal-konvenut, din il-Qorti tirrileva li l-agir tal-konvenut ma jista’ qatt jigi b’xi mod gustifikat. Il-Qorti hadet qies ukoll il-hsarat materjali kagunati mill-konvenut, u ghal dan il-ghan issir referenza ghall-incident tas-16 ta’ Jannar 2002, li jindikaw li l-konvenut ma ghamilhomx taht *b’furja di sangue* izda tali hsarat gew ikkawzati bi premeditazzjoni li jistghu jikkawzaw dannu serju fuq il-persuna jew persuni li juzaw l-istess oggetti. Dan jidher car mir-ritratti esebiti ma Dok. “RZa 5” tal-process a fol 109; 110; 111; 112 u 113 tal-process u 40 Dok. “2”; 40 Dok. “4”; 40 Dok. “5”.

Illi f’din il-konsiderazzjoni jinghand ukoll li l-minorenni Reuben fix-xahar ta’ Mejju ta’ din is-sena ser jaghlaq l-eta` ta’ sittax-il sena, u li ilu tul hajtu kollha jghix flimkien ma’ ommu.

Illi ghalhekk *in vista* ta’ dan kollu din l-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li huwa fl-interess suprem ta’ l-istess

minuri li l-kura u l-kustodja tinghata lill-attrici. Il-Qorti ma ghandhiex dubju li f'dan l-istadju tal-hajja tal-minorenni Reuben, ikun ta' detriment ghalih li jigi mpost fuqu kambjament daqstant drastiku kif qieghed jigi miltub mill-konvenut missieru. Il-Qorti ma ghandiex dubju wkoll li tifel ta' sittax-il sena ikun diga' wera fl-aktar mod car lill-genituri tieghu ma' min minnhom ihossu l-aktar komdu jghix, u minn dawna l-proceduri ma jirrizultax lil din il-Qorti li dan f'xi mument qatt ilmenta mill-kura ta' ommu. Lanqas ma rrizulta lill-Qorti li l-attrici kienet b'xi mod naqset mill-obbligi taghha bhala omm fil-konfront ta' binha, jew li kien ikun aktar idoneju li l-kura u l-kustodja tigi akkordata lill-missier.

Illi f'dawn il-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut bla ebda dubju espona din il-vjolenza domestika anke quddiem il-minuri u anke f'dan il-kuntest jidher li l-konvenut ma kienx kapaci jikkontrolla ruhu, anke biss fl-interess ta' l-istess minuri u ghalhekk is-sottomissjonijiet tieghu f'dan ir-rigward, din il-Qorti profondament thoss, li ma jistax jigi accettati.

Illi dan apparti l-konsiderazzjoni ulterjuri li jidher ampjament minn dawn il-proceduri li fl-ahjar ipotesi l-konvenut bata' hafna sabiex jaderixxi ruhu mad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili dwar il-hlas ta' manteniment ghall-istess minuri tul il-pendenza ta' din il-kawza u wkoll dan ghandu u huwa sinifikattiv fil-kuntest ta' decizjoni ta' dan it-tip dwar kura u kustodja ta' l-istess minuri, anke ghaliex jidher li l-konvenut baqa' konsistentement jigi animat, anke f'din il-konsiderazzjoni minn pika estrema ma' l-attrici, li kienet testendi anke fuq dan.

Illi dwar access din il-Qorti thoss li l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri ghal darbtejn fil-gimgha, darba nhar ta' Erbgha bejn l-4.00.p.m. u 6.00.p.m. u fil-*weekends* darba nhar ta' Sibt u darba il-Hadd, alternattivament, bejn it-3.00.p.m. u l-5.00.p.m. b'dan li l-istess access ghandu jibda u jispicca minn hdejn ir-residenza ta' l-istess attrici kollox b'mod dicenti u din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja minn

zmien ghal zmien l-stess sitwazzjoni, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg.

**(ii) MANTENIMENT GHALL-MINURI.**

Illi ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-manteniment ta’ minuri il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 3 tal-Kodici Civili** jipprovdi li:-

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jehtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lill-xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Illi wkoll skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat li:-

*"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

Illi fl-ahharnett abbazi ta’ l-**artikolu 7 (1) tal-Kap 16** jinghad li:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici.*"

Illi abbazi tal-premess huwa evidenti li l-genituri ghandhom l-obbligi ugwali versu wliedhom il-minorenni. It-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta’ l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet, u konsegwentement, anke skond l-**artikolu 2 tal-Kodici Civili**, "*jerfghu r-responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom.*" Dawn l-obbligazzjonijiet huma l-istess fil-kaz ta’ genituri li ma humiex illum maghqudin fiz-zwieg bhal fil-kaz prezenti.

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Schembri Georgina vs Schembri Dino”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Novembru 2002 - Cit Nru:413/200 RCP) fejn gie rilevat li:-

“*Certament l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 20 ta’ l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, u fl-interess ta’ l-istess minuri. Huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta’ l-istess **artikolu 20**.*”

Illi f’dan il-kuntest l-konvenut xehed permezz tal-affidavit tieghu a fol. 108 tal-process li fis-sena 1999 huwa kellu introjtu ta’:

“*Id-dhul gross ghall-1999 kien Lm5,926 tieghi u Lm7742 taghha.*”

Illi l-Qorti tirrileva li s-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-sena 2000 (a fol. 6 tal-process) kienet ordnat lill-konvenut sabiex *pendente lite* ihallas manteniment ta’ sittin lira (Lm60) fix-xahar ghaz-zewg ulied minuri. Illi llum il-gurnata l-attrici qed titlob l-ammont ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar flimkien ma’ nofs l-ispejjez edukattivi ta’ l-istess minuri li jammontaw skond hija ghal cirka sitt mitt lira Maltija (Lm600) fis-sena; dan ifisser li sehem il-konvenut mill-istess spejjez edukattivi huwa ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300), li huwa ekwivalenti ghal rata ulterjuri ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fix-xahar; b’hekk l-

attrici qed titlob li l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-manteniment ta’ l-istess minuri ghandha tkun bazikament ta’ hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar, (Lm300 divizi bi 12 il-xahar = Lm25).

Illi *in vista* tal-fatt li l-kontribut ta’ l-attrici sejjer ikun ferm ikbar peress li l-istess minuri qed jghix maghha u qed jigi *in gran parte* mantnut minnha din il-Qorti thoss li l-pretensjoni taghha ghall-hlas ta’ manteniment *verso* il-minuri mill-konvenut hija ragonevoli anke tenut kont ta’ l-introjtu ta’ l-istess konvenut, u *in vista* tal-fatt li jidher li l-konvenut kellu diffikultajiet kbar sabiex jaderixxi ruhhu mad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili anke ghall-hlas ta’ l-istess spejjez edukattivi, din l-Qorti qed taghzel dan il-metodu sabiex tiffssa tali rata ta’ manteniment, u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex b’effett mid-data ta’ din id-decizjoni, jissomministra lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Reuben l-ammont ta’ hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar, u din ir-rata ta’ alimenti ghandha tithallas bix-xahar bil-quddiem u ghandha titnaqqas direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut u dan bla pregudizzju ghall dak li ser jinghad iktar ‘il quddiem dwar l-hlas ta’ arretrati ta’ alimenti ghall-minuri fil-kuntest tad-Digriet tas-Sekond’Awla dwar spejjez edukattivi.

Illi dwar l-istess spejjez edukattivi li l-konvenut kien ordnat ihallas konsegwent ghad-digriet tas-Sekond’Awla kif premess, jirrizulta li l-attrici pprezentat diversi kuntegi u ricevuti bhala Dok. “RZa7 1” sa RZa 7 22” a fol. 154 sa 175 tal-process fejn hija ghamlet elenku spjegattiv ta’ kull ircevuta li hi pprezentat.

Illi l-konvenut ipprezenta nota a fol. 180 tal-process fejn ikkummenta dwar dawn ir-ricevuti, u kkonkluda li skond hu l-ammont ta’ erbgha mija u tnejn u tletin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm432.89) biss huwa dovut.

Illi din il-Qorti ghamlet ezercizju pjuttost impenjattiv (dovut anke ghall-mod kif l-istess ricevuti gew esebiti) meta ezaminat ir-ricevuti li gew pprezentati u din il-Qorti thoss li ma ghandhiex taccetta l-konkluzjonijiet jew ahjar is-sottomissjonijiet tal-konvenut dwar l-istess stante li huma kollha kemm huma nfondati fil-fatt u bla ebda bazi u dan apparti li tinnota wkoll li l-konvenut naqas milli jindika liema ricevuti "*mhux genwini*" kif allega.

Illi fatt mill-istess dokumenti esebiti jirrizulta li dawn jikkonsistu kollha f'ricevuti jew dokumenti li kollha kellhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni tal-minuri u spejjez ancillari ghall-istess u ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' elf tlett mija u tlieta u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,343.65), nofs l-ammont ta' l-ispejjez ta' l-edukazzjoni dovuti minn Ottubru 2000 sa l-ahhar ta' Frar 2003, li minnhom sa llum l-istess konvenut ghadu ma hallas xejn *nonostante* d-digriet vigenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghalhekk it-tielet u r-raba' talba attrici ghandhom jigu milqugha f'dan is-sens, filwaqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), is-sitt (6) u s-seba' (7) talba attrici *stante* li dawn huma llum ezawriti, filwaqt li tilqa' il-hames (5) talba attrici u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-kontendenti xolta b'effett mis-16 ta' Mejju 2002, kif gja giet orndata bid-digriet ta' l-istess datat tas-16 ta' Mejju 2002.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li tastejni milli tiehu iktar konjizzjoni **ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), is-sitt (6) u s-seba' (7) talba attrici** *stante* li dawn huma llum ezawriti kif premess, **tilqa' it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) talba attrici** biss kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici *stante* li din hija wkoll illum ezawrita.

3. Tilqa’ t-tielet talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Reuben lill-attrici bid-dritt t’access liberu favur il-konvenut ghal darbtejn fil-gimgha, darba nhar ta’ Erbgha bejn l-4.00.p.m. u 6.00.p.m. u fil-*weekends* darba nhar ta’ Sibt u darba il-Hadd, alternattivament, bejn it-3.00.p.m. u l-5.00.p.m. b’dan li l-istess access ghandu jibda u jispicca minn hdejn ir-residenza ta’ l-istess attrici, kollox b’mod dicenti u din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja minn zmien ghal zmien l-istess sitwazzjoni, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex b’effett mid-data ta’ din is-sentenza jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri Reuben l-ammont ta’ hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar, u din ir-rata ta’ alimenti ghandha tithallas mill-konvenut kif hawn ordnat bix-xahar bil-quddiem u ghandha titnaqqas direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut u dan bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad iktar ‘il quddiem dwar l-hlas ta’ arretrati ta’ alimenti ghall minuri fil-kuntest tad-digriet tas-Sekond’Awla dwar spejjez edukattivi.

Illi dwar l-arretrati ta’ spejjez edukattivi dovuti mill-konvenut *in vista* tad-digriet tas-Sekond’Awla datat 18 ta’ Ottubru 2000, din il-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta’ elf, tlett mija u tlieta u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,343.65), cjoe’ nofs l-ammont ta’ l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni dovuti minn Ottubru 2000 sa l-ahhar ta’ Frar 2003, li minnhom sa llum l-istess konvenut ghadu ma hallas xejn *nonostante* d-digriet vigenti tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta’ Ottubru 2000.

5. Tilqa' l-hames (5) talba u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti xolta b'effett mis-16 ta' Mejju 2002, kif gja giet ordnata bid-digriet ta' l-istess datat tas-16 ta' Mejju 2002.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

Illi l-ispejjez tal-kawza u tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili dawn ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut. B'dan ukoll, li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn, fejn il-konvenut ikkontribwixxa sostanzjalment ghal dan id-dewmien, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijIet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------